



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2019
(OR. en)

12928/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0210 (NLE)

PECHE 442

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL(UE) 2019/ ...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania
dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd
u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija
fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania,
li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew^{1*},

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

* ĠU: imla n-nota f'qiegħ il-paġna.

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri") ġie ffirmat fi ...⁺⁺.
- (2) L-għan tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania jkomplu jaħdmu bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania kif ukoll li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom tas-sajd f'dawn l-ilmijiet.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (ĠU L ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 12924/19 fit-test u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jinsab fid-dokument st 12927/19.

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fil-punt (6) tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri¹.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ... ,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.